# Mill-Isla għax-Xagħra

# L-Istorja tal-Istatwa tal-*Bambina*

*Dr. Simon Mercieca B.A., B.A (Hons.), M.A., D.E.A. (Sorb), Ph. D. (Sorb)*

Wieħed mill-aktar dokumenti importanti miżmuma fl-arkivju tal-Knisja Kolleġġjata tal-Isla huwa manuskritt li jġib l-isem *Memorie Ecclesiastiche dell'Invitta Città Senglea*.[1] Dan il-manuskritt isegwi l-mudell ta' kitba li bdiet tinkiteb matul is-seklu tmintax fejn numru ta' ekkleżjastiċi ta' dik il-ħabta kienu qed jimxu fuq il-mudell ta' Gian Frangisk Abela, li ħafna snin qabel, ta lil Malta l-famuż ktieb tiegħu *Descrittione di Malta*. Immexxijin minn imħabba lejn belt u raħal twelidhom, bdew issa jimitaw dan il-mudell u jiktbu l-istorja tal-knisja parrokkjali fl-isfond tal-ġrajjiet ta' belthom jew raħalhom. L-istorja kienet għada ma tinkitebx kif nifhmuha llum. Kienet storja li tħares lejn il-passat u anki tinkludi lill-preżenti jew dak kontemporanju. Kienet timxi fuq il-mudell umanistiku ppreżentat minn Erasmu ta' Rotterdam u Giovanni Battista Vico.

L-awtur ta' dan il-manuskritt jgħid li ġabar it-tagħrif mingħand persuni informati tajjeb u minn kitbiet oħra li kienu saru fiż-żminijiet ta' qabel. L-awtur għamel ġabra ta' tagħrif interessanti ħafna dwar l-Isla u l-knisja tagħha, li hu kitbu f'dan il-manuskritt waqt li ta ukoll deskrizzjoni tajba tal-knisja ta' żmienu u ċerti avvenimenti li kienu seħħew fl-Isla matul is-seklu tmintax. Iżda l-istorja li hu jaghti dwar l-istatwa tal-festa, dik magħrufa bħala l-Bambina, hija wisq differenti minn dik li għaddiet bi tradizzjoni orali sa żmienna.

Patri Alexander Bonnici kien ġie mqabbad biex jikteb it-tliet kotba monumentali tal-istorja tal-Isla. Hu studja dan it-trattat u identifika li dawn il-memorji huma xogħol ta' żewg persuni differenti. Fuq il-qoxra tal-ktieb hemm l-isem ta' Remigio Bonnici, biss it-titlu tal-manuskritt juri li jista' ma hux xogħlu. Alexander Bonnici sab li parti mit-test attwali inkiteb minn Dun Salvatore Bonnici, li kien l-aħħar kappillan u l-ewwel arċpriet tal-Isla. Biss Alexander Bonnici kien sab, ukoll li dan kien ko-awtur, jew aħjar kompla jkabbar biċċa xogħol li kienet inbniet qabel u li l-ewwel persuna li beda jiġbor dawn il-*memorie,* kien iż-żju ta' dan Dun Salv, li bħalu wkoll kien jismu Dun Salv Bonnici. Għalhekk il-ġabra ta' dawn il-ġrajjiet tmur għall-bidu tas-seklu tmintax.

Iżda meta ġie biex jitkellem dwar it-tagħrif li dawn taw dwar l-Isla,Alexander Bonnici jikkummenta hekk:

"Dun Salv Bonnici qal li ġabar it-tagħrif tiegħu mingħand persuni informati tajjeb u minn kitbiet li kienu saru fiż-żminijiet ta' qabel. Hi ħaġa ċerta li dan l-arċipriet ma riedx iqarraq f'kitbietu. Imma, f'dik is-sena 1786, hu niżżel ġrajjiet li minn fuqhom kienu għaddew 200, jew aktar. Barra minn hekk, hu ma ħariġx 'il barra mill-Isla biex ġabar it-tagħrif tiegħ… Ix-xewqa ta' dak l-arċipriet kienet li ma jintilef xejn minn dak li kien emmnut mill-poplu".[2]

Dan iwassal biex Alexander Bonnici iwarrab din il-kitba. Kienet ħasra li Alexander Bonnici ma għamilx użu minn dan il-manuskritt aktar bid-dettall, għaliex kif ħa nuri, l-informazzjoni li hu jagħti dwar l-istatwa tal-festa hija korretta.

Dun Salv Bonnici juri li fl-Isla kien hemm żewġ statwi processjonali tal-Madonna u dik l-aktar qadima kienet ġiet mogħtija lix-Xagħra flimkien ma' kwadru antik li kien hemm fil-knisja. Alessandru Bonnici injora din l-informazzjoni għal kollox. Hu argumenta li peress li ma kien sab xejn dwar din l-istorja fl-arkivji, allura huwa ma qieshux bħala wieħed veru, anki jekk f'dan il-każ, l-Arċipriet Salv Bonnici kien qiegħed biss jitkellem dwar stejjer kontemporanji, iġifieri, storja li żgur kien għexha personaliment. Dun Salv Bonnici jikteb hekk:

> *'dove oggi si vede il pulpit avendo quivi inalzato un muro nel quale fecero eriggere l'altare maggiore e fissure il quadro titular che rappresentera il nascimento della SS. Vergine Bambina. Questo quadro ancora esiste nella chiesa parrochiale sotto l'istesso titolo della nativitá di M.V. di Casal Caccia del Isola del Gozo alla quale fu' donato assieme con una figura, ossia statua della B.V. che soleva partarsi nelle processioni (essendo stato levato del d. muro e dal prospetto interior, di poi della chiesa par[occia]le e riposte dentro la sacrestia in occassione d'essere stato fatto un altro quadro più grande). Per secondare il genio del nostro prelato Cocco Palmieri di sel. Mem[oria] li quale aveva dismembrato il Casal Caccia ossia Sciaghra tal Ghazzenin dale Pertinenze della Chiesa Matrice di detta isola del Gozo, avendo eretto la parocchialità e la cura delle anime degli abitanti del detto casale ossia distretto nella Chiesuola la beneficiale di Sant' Antonio il 28 Aprile 1688 dalle quale fu' poi trasferita alla nuova chiesa della Nativitá di M. V.'*

Din l-istorja ta' dawn l-istatwi fl-Isla kienet is-suġġett ta' erba papers min-naħa tiegħi. Tnejn kienu ġew ippubblikati ħafna snin ilu fir-rivista tal-festa tax-Xagħra Għawdex[3] u tnejn oħra ħarġu f'journals speċjalizzati. Wieħed hu f'dak ippubblikat mill-journal maħruġ mill-Junior College u jismu *Symposia Melitensia[4]* u l-ieħor fuq ir-rivista L-Imnara, li hija r-rivista tal-Għaqda

1 A[rchivum] P[arochialis] Sengleae. Remigio Bonnici, Memorie Ecclesiastiche dell'Invitta Città Senglea scritte in diversi Tempi e Circostanze da Persone Informate dal tempo di sua fondazione sin al presente. Raccolte in questi volumi per Cura di N.N. nell'Anno 1786.

2 Alexander Bonnici, L-Isla Fi Grajjiet il-bazilika Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. 1, Parrocca tal-Isla, 1981, p. 12.

3 Simon Mercieca, 'Il-Kult lejn it-Twelid tal-Madonna fix-Xaghra', Ix-Xaghra, Harga tal-Festa '97, Malta, 1997. 'Ix-Xaghra: L-Istorja tat-Tieni Kwadru Titulari Taghha, Ix-Xaghra", Harga tal-Festa '98. Malta, 1998.

4 Simon Mercieca, 'The Religious Cults of Thaumaturgical Powers and the Devotion towards St. Nicholas of Bari in Malta', Symposia Melitensia, No. 6, 2010, pp. 21-35.

tal-Folklor Malti.[5] Fuq kollox, dan is-suġġett kien ukoll suġġett ta' studju li jġib l-isem *Landscape and Memory* in Gozo[6] li wieħed jispera li ma jdumx ma joħroġ.

Iżda sa issa qatt ma' kelli iċ-ċans nippubblika d-dokument komplet li hemm fl-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili l-Furjana li jikkonferma li dak li kiteb Dun Salvatore Bonnici hu verament korrett, iġifieri li hu minnu li l-Isla kellha statwa qadima tal-Madonna u din l-istatwa ġiet mogħtija lil parroċċa tax-Xagħra Għawdex, jew kif kienet magħrufa f'dawk iż-żminijiet bħala *Casale Caccia.* Biex wieħed ikun eżatt, din l-istatwa ġiet mibjugħa lil din il-knisja. Id-dokument jagħti wkoll is-sena preċiża meta sar dan it-transferiment, iġifieri s-sena fl-1751. Dan id-dokument huwa r-rendikont finanzjarju li l-prokuratur tal-*Veneranda Lampada*tal-knisja tax-Xagħra, Dun Michele Calleya, bagħat lill-kurja tal-isqof ġewwa Malta. Il-Veneranda Lampada kienet dik l-istruttura fil-parroċċa li tieħu ħsieb l-opri fil-knisja. F'dan il-perjodu, il-parroċċa tax-Xagħra kienet għada taqa' taħt id-djoċesi ta' Malta. Dan kien rendikont ta' ħames snin li fih kien hemm id-dħul ta' flus, iġifieri għas-snin 1751, 1752, 1753, 1754 u 1755. Dan id-dħul kien primarjament marbut ma' egħlejjel tar-raba. Imbagħad ta rendikont tal-ħruġ. Il-ħruġ huma spejjeż li hu għamel, mqegħdin wara xulxin, u nkitbu skont il-ġurnata li hu ħallas, anki jekk ma jagħtix dati. Hu ġabar ħafna mill-ispejjeż taħt is-sena 1751. Jidher ċar li f'dan il-każ kien hemm akkumulu ta' snin għaliex ma hemmx diviżżonijiet interni iżda waħda biss, lejn l-aħħar tar-rendikont tal-ħruġ għas-sena 1755.

Ir-rendikont intbgħat il-kurja ta' Malta fis-sena 1757 u jidher li dan kien intalab għaliex kien hemm problema ta' awditjar wara li kien hemm varjazzjoni ta' żewġ rendikonti differenti ta' ħruġ b'dispripanza ta' 20 skud. Skont ir-rendikont mibgħut lill-Kurja il-ħruġ totali kien ta' 556, 08, 05. Waqt li f'ieħor il-ħruġ kien ta' 572, 08, 05. Fuq kollox, fuq mhedda ta' ħames snin, kien hemm żbilanċ finanzjarju għoli ħafna, ta' fuq 200 skud. Dan kien ġej minn xogħol li kien qed isir fil-knisja. Id-dħul kollu kien ammonta għal 308 skudi, 3 tari u 8 grani.

Minn dan id-dokument jidher li f'dan il-perjodu kien qed isir xogħol fuq il-knisja tax-Xagħra, b'mod partikolari fuq is-soqfa tagħha. Għalhekk dan ir-rendikont fih numru ta' spejjeż relatati mal-ġarr ta' ġebel u x-xiri ta' ħġieġ, tajn, imsiemer u dak kollu li hu assoċjat mat-tkabbir jew tiswijiet fuq il-knisja. Hemm ukoll il-ħlasijiet tal-mgħallmin li kienu qed jaħdmu fuq dan ix-xogħol fil-knisja, iżda ma jingħata l-ebda isem tagħhom. Kien ukoll żmien meta kien sar xogħol ta' tisbiħ fuq dan il-bini, fosthom spiża ta' 25 skudi fuq skultura biex jissebbaħ l-artal maġġur.

Fost il-lista ta' spejjeż mogħtija fil-bidu ta' dan ir-rendikont u allura żgur saru fl-1751, hemm ix-xiri ta' statwa minn l-Isla. Dan id-dokument ma jgħidx il-knisja minn fejn inxtrat. Jgħid biss kemm kienet qamet din l-istatwa, iġifieri, li kienet tħallset is-somma ta' 6 skudi u tari wieħed. Ix-xiri kien jinkludi wkoll il-pedestal tal-istatwa. Dan kien valutat apparti u kien inġieb minn l-Isla.

Iżda id-dokument jitkellem minn fejn kienet inġarret din l-istatwa. Hu hawn jingħata l-isem tal-"marina" li kien l-isem ta' kif kien magħruf ix-xatt tal-Isla f'dik il-ħabta. Hawn wieħed irid jispjega li dan it-terminu Taljan jintuża għal kull daħla li kienet magħluqa. Hawnhekk, ir-rendikont hu preċiż ħafna. Jagħti l-ħlas tat-transport mix-xatt jew marina sax-Xagħra. Għalhekk dan jista' jitqies li jinkludu t-transport mill-Isla għall-Imġarr, Għawdex, li kien ammonta għall-4 tari u 10 grani, aktar milli mill-Imġarr sax-Xagħra. Iżda meta wieħed jqies il-ħlas involut, li hu għoli, wieħed jifhmu li hu minn l-Isla sax-Xagħra. Għalhekk, meta wieħed jgħaqqad l-informazzjoni mogħtija f'dan ir-rendikont finanzjarju ma dak li kien kiteb Bonnici, li kien kontemporanju għal dawn l-avvenimenti, wieħed jikkonkludi li din l-istatwa kienet verament inġiebet minn l-Isla.

Din l-istatwa żgur li bdiet tintuża fil-purcissjoni ġewwa x-Xagħra, inkluż fil-festa tan-*Nativitá*, kif it-twelid tal-Madonna kien magħruf f'dik il-ħabta. Barra li fix-Xagħra għad hemm sal-lum it-tradizzjoni tal-eżstenza ta' din l-istatwa, li baqa' tagħha, il-kuruna tal-fidda, dan ir-rendikont jagħti tagħrif dwar l-ispejjeż li kienu assoċċjati magħha.

Ir-rendikont jafferma li kienu saru festi kbar ġewwa x-Xagħra biex ikun ikkommemorat dan l-avveniment. Kienu nxtraw ħames fjuretti, waqt li nxtrat x-xemgħa, bħal ma dejjem kien jiġri fi żmien il-festa, biex jinxtelu ż-żewġ linef li kien hemm fil-knisja. Meta nġabet, kienu nxtraw it-torċi, biex jinħarġu u jagħtu d-dawl waqt il-purċissjoni. Saħansitra kienet inkriet tappezzerija minn Malta, inkera wkoll organetto u sar logħob tan-nar. Id-dokument jagħti l-lista ta' xiri tal-polvri u anki suffarelli. Dan il-materjal jidher ta' spiss fl-ispiża u jidher li kien jinxtara ta' kull sena ħalli jkun hemm logħob tan-nar fil-jum tal-festa.

Fuq kollox, dan id-dokument jikkonferma li din kienet statwa li tinħareġ f'purċissjoni għaliex jagħti rendikont tal-ħlasijiet tar-reffiegħa, li f'dan il-perjodu kienu jitħallsu, iġifieri *per la portatura delli lasti della vara* li kien jammonta għal ftit grani jew xi tari.

Dan id-dokument jitfa dawl fuq kif kienet issir il-festa ġewwa x-Xagħra f'dik il-ħabta. Kienet mitqiesa ġa bħala festa solenni. Il-festa kienet issir bl-ewwel għasar solenni. Il-quddiesa kienet waħda kantata bil-mużika u kienet tinkera t-tapizzerija għat-tiżjin ġewwa l-knisja. Kien hemm anki purċissjoni, għaliex kien hemm relikwija u l-preżenza tagħha tikkonferma l-eżistenza ta' purċissjoni religjuża. Fuq kollox kienu jħallsu għall-prietka tal-festa u anki jiċċelebraw l-ottava, li kien tmiem il-festa, li dejjem jkun iċċelebrat tmiem t'ijiem fuq it-tminja ta' Settembru.

Fl-1755, kienet saret libsa ġdida lill-Madonna għaliex kien inxtara drapp magħruf bħal tarzanello ta' kulur abjad. Kienet inxtrat ukoll palmo (jew tul) bizzilla tad-deheb. Wisq probabli, li dan kien inxtara biex isebbaħ il-libsa tal-Madonna. Fuq kollox il-wasla tal-istatwa wassal biex anki ġew indurati dak li jidher li hu l-kwarniċ tal-kwadru titular (li bħal ma rajna ġie wkoll minn l-Isla) u anki sar sett ta' gandlieri indurati. Anki sar xogħol ta' tiswija fuq il-pedestall ħalli jkun jidher isbaħ. Sar anki ix-xirja ta' standard aħmar għall-purċissjoni.

Dawn kienu l-ispejjeż straordinarji. Magħhom kien hemm l-ispejjeż marbuta mal-ħajja ta' kuljum tal-parroċċa, bħax-xiri ta' ostji, inbid, żejt u xemgħa li kienu importanti biex jagħtu d-dawl, ħwejjeġ għall-quddiesa, ħasil tad-drapp marbut ma' l-użu tar-ritwali u saħanistra sat-tindif għad-dranaġġ, li f'dan il-perjodu, kien isir b'mod manwali wara li kienet tintela' l-fossa.

5 Simon Mercieca, 'L-Użu tal-Kult u l-Istatwi Proċessjonali Ġewwa Malta', L-Imnara, vol. 10, Numru 1, 2012, Harga 36, pp. 2-11.

6 Simon Mercieca, 'Contexualizing the Past: Pictorial Memory and Landscape in Gozo', li ser ikun ippubblikat fil-Festschrift ad unur Pawlu Mizzi.

Dan id-dokument jitfa' dawl ta' kif kien isir it-trasport bejn iż-żewż gżejjer fi żmien meta l-meżżi tal-kommunikazzjoni kienu limitati. Kollox kellu jkun organiżżat minn qabel. Biss juri ukoll il-kuntatt li kien hemm bejn Għawdex u ċ-ċentru tal-amministrazzjoni f'Malta u għaliex iċ-ċentru kien fil-port u mhux ċentrali fil-kampanja, setgħet b'hekk il-gżira Għawdxija tiffaċilita r-relazzjoni tagħha maċ-ċentru tal-amministrazzjoni ġewwa Malta, għaliex il-kuntatt bil-baħar kien wieħed kontinwu b'dgħajsa waħda jew aktar li kuljum kienet issalpa mill-Port il-Kbir lejn dak tal-Imġarr u lura. Fil-Port il-Kbir, il-kuntatt ma kienx biss mal-Belt, iżda jmiss lit-Tliet Ibliet.

Iżda għall-iskop ta' dan l-istudju, dan id-dokument jikkonferma li din l-istatwa tal-Madonna kienet taqa' taħt il-forma ta' manekkin, iġifieri dak li hu magħruf bħala "*image a vestir*" jewstatwa li titlibbes. Tant hu hekk, li meta din l-istatwa wasslet ix-Xagħra, kienet saritilha parrokka ġdida, għax dik tagħha kienet waħda mkabbra. Dan id-dettal ikompli jikkonferma li Dun Salvatore Bonnici kellu raġun meta qal li din l-istatwa kienet waħda qadima ħafna, u implika li kienet iżjed qadima minn dik li fi żmienu ġa kienet bdiet tintuża għall-purċissjoni tal-festa, iġifieri, dik li għadha tintuża sallum ġewwa l-Isla.

It-tagħrif mogħti minn dan id-dokument u minn Dun Salv Bonnici jikkomplimenta l-istorja tal-bidu tal-purċissjonijiet bl-istatwi f'Malta. Infatti l-ewwel statwi li ddaħħlu f'Malta, speċjalment dawk Marjani, kienu taħt din il-forma. Dawk tal-injam kienu eċċezzjoni waqt li dawk tal-kartapesta kienu għandhom lanqas jeżistu. Sandro Debono jitkellem dwar l-użu ta' statwa tal-Madonna bħala manekkin, iġifieri figura li tinlibes, ġa fl-1615[7] ġewwa San Duminku l-Belt Valletta.

Min-naħa l-oħra, dokumenti qodma jitkellmu dwar il-wassla fl-Isla ta' statwa fl-istess perjodu, iġifieri 1632.[8] Għalhekk din id-data aktar għandha tittiehed bħala d-data meta saret din l-ewwel statwa li fl-1751 inbiegħet lix-Xagħra aktar milli dik li fiha, kif dejjem jingħad, wasslet l-istatwa li hawn illum. Ix-xiehda li ta' Dun Salvatore Bonnici tikkonferma dan għaliex hu għaraf, u bir-raġun, kemm stilistikament u anki kronoloġikament, li l-istatwi manekkini tal-Madonna huma aktar qodma minn dawk tal-injam, għall-anqas meta qed nitkellmu fuq ikonoġrafija Marjana.

Ikun fit-tieni nofs tas-seklu sbatax, li l-Isla ġġib statwa oħra tal-Madonna. Din ukoll taħt l-ikkonografija tal-Kunċizzjoni. Wieħed irid jiftakar, li l-ikonografija tal-Madonna kienet dejjem ipproġetta bħal dik li twassal lin-nisrani għand Ġesu. Dan kien il-messaġġ li ried iwassal il-Konċilju ta' Nicea meta fl-325 ddefinixxa lil Madonna bħala Teotokos, iġifieri il-persuna li ġġorr lil Alla. Għalhekk hija kienet tkun ippreżentata żżomm jew iġġorr lil Gesu tarbija f'idejha. Matul is-seklu erbatax, ikun hemm żvilupp f'din l-ikonografija, dik tal-Madonna li qed iġġor lil Ġesu fi ħdana. Dan il-messaġġ jitwassal ukoll billi l-Madonna tkun ippreżentata fi stat avvanz ta' tqala. Din it-tieni ikonografija ser tkun użata l-aktar, u finalment tispiċċa assoċċjata mal-ikonografija tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Dak li hu żgur hu li l-wasla tat-tieni statwa tal-Madonna ġewwa l-isla, iġifieri dik li hemm llum, tkun għall-bidu assoċjata mal-kult tal-Kunċizzjoni. In fatti, sa qabel it-tieni gwerra, kienet tinżamm fuq l-Artal tal-Kunċizzjoni li hemm fl-istess knisja jew kif inhi magħrufa llum bħala l-kappella tas-Sagrament. Din bdiet tinħareġ f'purċissjoni nhar it-8 ta' Diċembru. Din l-istatwa tissemma' fi żjara pastorali li l-isqof Buenos kien għamel lill-knisja tal-Isla fl-1667. Hu qal li din l-istatwa kienet propjeta' tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni u ddiskriviha kif ġej "*di legno indorata con li soi bastoni e quatro forcine*".[9] Din l-istess statwa terġa' tissemma fiż-żjara pastorali li l-isqof Cocco Palmieri għamel fl-Isla fl-1686. Hija tkun diskritta kif ġej "*ligneam deaurata et partim variis coloribus depicta referens imaginem B.M.V. Immaculatae Conceptae cum corona argentea in eius capite*".[10] Dan ifisser li bejn 1667 u 1684, din l-istatwa kienet saritilha kuruna tal-fidda. L-isqof kiteb li din l-istawa kienet tinħareġ fit-8 ta' Diċembru u għal din il-festa ġewwa l-Isla kienu jiġu nies minn Malta kollha. Fuq kollox, f'din iż-żjara, insiru nafu dettal ieħor. Din l-istatwa kienet issa wkoll qed tintuża biex tkun iċżelebrata l-festa tat-8 ta' Settembru, li matulha l-Isla kienet tfakkar il-Madonna tal-Vittorja.

F'dan il-kuntest, din l-informazzjoni fiż-żjara ta' Cocco Palmieri issaħħaħ l-idea li din l-istatwa tal-Madonna mlibbsa kienet tinħareġ fil-festi l-oħra tal-Madonna, inkluż dik tat-tmienja ta' Settembru, sakemm, ftit qabel l-1686, minħabba id-devozzjoni li din l-istatwa ġġenerat ma' Malta kollha, wasslet biex din ukoll tibda tinħareġ fit-8 ta' Settembru waqt li l-oħra, li kienet taħt forma ta' manekkin u aktar qadima, ma baqgħatx tintuża u għalhekk, lejn nofs is-seklu tmintax inbiegħet lix-Xagħra Għawdex, li kienet knisja, li bħal l-Isla, tagħmel il-festa tagħha nhar it-tminja ta' Settembru.

Storja simili żviluppat fil-parroċċa ta' Bormla. Hawn ukoll l-ewwel statwa tkun waħda tal-Madonna li tintlibes u aktar iva milli le, il-fdalijiet tagħha llum jinsabu inkorporati fl-istatwa preżenti li għandha din il-parroċċa. Min-naħa l-oħra, fit-tieni nofs tas-seklu sbatax, il-Fratellanza tar-Rużarju, iġġib statwa oħra, u tagħmilha wkoll fl-immaġni tal-kunċzzjoni. Din kienet kollha tal-injam. Illum din l-istatwa tinsab fil-parroċċa tal-Qrendi.[11]

Għalhekk jidher ċar li fit-tradizzjoni orali tal-Isla, hemm numru ta' ġrajjiet li ġew imwaħħda ġewwa xulxin. Kien hemm żewġ statwi tal-Madonna. Iżda dawn maż-żmien, fir-rakkont li għadda mil-fomm, minn missier għall-iben, minn omm għall-bint, tbiddlu u twaħħdu flimkien.

Naħseb li wasal iż-żmien li wieħed jikkonsidera bis-serjeta li dan il-manuskritt *Memorie Ecclesiastiche dell'Invitta Città Senglea* ma jibqgħax dokument mejjet fl-arkivju iżda jingħata l-ħajja mill-ġdid billi jiġi edittjat b'mod professjonali u ppubblikat ħalli b'hekk ikun jista' jikkontribwixxi għal aktar għarfien storiku dwar l-istorja ta' din il-belt u fuq kollox, iservi biex ikompli jafferma l-identità ta' intelligensia li inħolqot fit-tieni nofs tas-seklu tmintax u li baqgħet attiva sa prattikament t-Tieni Gwerra Dinija, meta wiċċ u l-identità tal-Isla nbiddel għal kollox.

---

7 Sandro Debono, Imago Dei, Sculptured images of the Crucifix in the Art of Early Modern Malta, Malta, 2005, p. 34.

8 Bonnici, Vol. 1, p. 125.

9 A.A.M. Visitatis Pastoralis Buenos, Vol. 20, f. 224r.

10 A.A.M. Visitatis Pastoralis Cocco Palmieri, 1686, Vol. 23, f. 102r.

11 Simon Mercieca, "L-Istatwa Antika tal-Kunċizzjoni: Ġsibijiet dwar l-Abort u r-Rispett lejn il-Ġajja Umana", Soċjetà Mużikali Lourdes Qrendi Festa 2010, pp. 131 -134, Best Print, 2010.